MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2009

Numru. 306/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARLO ELLUL**
**VS**
**MARK BARBARA**
**GEORGE SAMMUT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Mark Barbara, 45 sena, iben Paul u Carmela nee’ Debono, imwieled l-Imsida fit-22 ta’ Ottubru 1960, residenti 199, Triq il-Kbira, Birkirkara u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 0769760(M). George Sammut, 35 sena, iben Angelo u Helen nee’ Calleja, imwieled il-Pieta’, fl-1 ta’ Settembru 1970, residenti 268 Triq San Giljan, Birkirkara u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 0414170(M).

Illi huma akkuzati flimkien ma nies ohra mhux maghrufa, talli fit-2 ta’ April 2006 ghall-habta tas-7:15p.m. gewwa Ta’ Qali limiti tar-Rabat, fit-tmiem tal-partita Sliema vs. Birkirkara:

1) Attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza, jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, fuq il-persuna ta’ l-Ispettur Mario Bonello u ta’ PS 1243 G. Polidano, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi mill-Awtorita’ kompetenti, liema attakk jew rezistenza saru minn tlieta minn nies jew aktar, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 96(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurjaw jew heddu, jew ghamlu offiza fuq il-persuni imsemmija liema persuni huma inkarigati ksond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
3) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xewxu gemgha ta’ nies li hekk imxewxa ingabru f’numru ta’ ghaxra jew aktar sabiex jaghmlu r-reat;
4) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hadu parti attiva f’gemgha t’ghaxra minn nies jew aktar migburin bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm dik il-gemgha ta’ nies ma tkunx giet imxewwxa min hadd partikolari, wettqu dak ir-reat li dik il-gemgha ta’ nies kellha l-hsieb li taghmel;
5) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew b’xi mod iehor, jedd, indahlu fid-dmir tal-Pulizija, u billi gabu fix-xejn jew hassru dak li l-Pulizija ghamlu skond il-Ligi;
6) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kisru volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku;
7) Talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kontu dehlin fil-ground ta’ l-isports, jew filwaqt li kienu hemm, jew kienu hergin minn hemm, izaw kliem offensiv, jew urew imgieba offensiva;

George Sammut wahdu akkuzat talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti hfief salv il-kumplikazzjonijiet fuq il-persuna ta’ l-Ispettur Mario Bonello u l-PS 1243 George Polidano kif iccertifikat mit-Tabib P. Farrugia M.D. ta’ l-Isptar San Luqa u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 221(1) u 222(1)(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba gentilment li f’kaz ta’ kundanna tissosspendi lill-imputati kollha ma jidhlux fi kwalunkwe ground sportiv ghall-zmien li jidrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali (fol. 23) u ta’ l-imputati (fol. 5 u 6) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Spettur Carlo Ellul (a fol. 7 et seq.) xehed illi in segwitu ta’ loghba ta’ *football*, karozza b’*supporters* tal-Belt giet attakkata minn grupp ta’ *supporters* ta’ Birkirkara. Waqt illi l-Pulizija kienet qed tferraq in-nies, is-Superintendent Mario Bonello gie attakkat mill-imputat, George Sammut u meta Sammut kien qed jigi arrestat mill-Pulizija, l-imputat, Mark Barbara, mar ghas-sodisfazzjon u ndahal fix-xoghol tal-Pulizija.

Fit-tieni xhieda tieghu, Spettur Carlo Ellul xehed (a fol.21 et seq.) illi wara li spiccat loghba tal-*football* bejn Sliema u Birkirkara, karozza b’*supporters* tal-Belt giet attakkata

minn *supporters* ta’ Birkirkara. Il-Pulizija intervjeniet u Superintendent Bonello qala daqqa ta’ ponn u daqqa ta’ ras minn George Sammut – certifikati ta’ griehi ta’ natura hafifa gew ezebiti Dok.CE1 u Dok.CE2. Spettur Ellul xehed illi fl-istqarrija tieghu, George Sammut, li huwa *steward* mal-MFA, informa lill-Pulizija illi huwa kien qed jferraq in-nies u jzommhom milli jkomplu jiggieldu u li fil-gegwigija huwa laqghat lis-Superintendent Bonello.

L-imputat, Mark Barbara, stqarr illi meta ra lil kollega *steward* kien qed jigi arrestat, intervjena mal-Pulizija biex jghidilhom illi Sammut kien qieghed iferraq in-nies.

Superintendent Mario Bonello (fol.26 et seq.) xehed illi wara li spiccat loghoba tal-*football* Ta’ Qali, ra partitarji ta’ Sliema hergin minn karozza u ra lill-imputat George Sammut ser jaghti daqqa ta’ sieq fuq din il-karozza u mar biex jzommu u *“dan tani daqqa ta’ ras u tajjarli l-beritta.”* Superintendent Bonello ta struzzjonijiet biex jigi arrestat l-imputat Sammut u waqt li l-Pulizija kienet qeghedha tqieghedlu l-manetti, Sammut beda jxejjer b’idejh u ta daqqa ta’ ponn lis-Superintendent Bonello.

Superintendent Bonello xehed li kien hemm gemgha nies li ma ridux li Sammut jigi arrestat u aggredew lil Pulizija, fosthom l-imputat Barbara, li kellu bott *flairs* f’idejh u beda jxejjru.

In kontro ezami, Superintendent Bonello xehed illi l-glieda ma lahaqiex mill-bidu u ma kienx jaf li Mark Barbara kien ha l-bott *flairs* minn supporters li kienu qeghdin f’din il-karozza biex jipprevjeni accident ikrah; lanqas ma kien jaf kif bdiet it-tilwima bejn il-partitarji ta’ Sliema ma’ dawk ta’ Birkirkara. Mistoqsi jekk Sammut u Barbara kienux jferrqu, Superintendent Bonello jghid li dak li ra hu kien lil Sammut ser jaghti bis-sieq fuq il-karozza u lil Mark Barbara jxejjer il-bott *flairs*.

PS 1243 Polidano xehed illi kien inqala’ argument in segwitu ta’ loghoba *football* bejn Sliema u Birkirkara, li meta intervjenew il-Pulizija biex iferrqu, hu ra l-beritta tas-Superintendent Bonello ttir minn fuq rasu u ra lil George

Sammut jerfa jdejh fuq is-Superintendent Bonello – PS 1243 xehed li Sammut qal *"jiddispjacini li lqatt lis-Superintendent Bonello"*.

PS 1243 Polidano xehed illi Sammut rrezista li jigi mmanettjat waqt li Mark Barbara beda jxejjer il-bott duhhan. Polidano (a fol. 34) xehed li l-Pulizija kienet qeghedha tikkontrolla t-traffiku izda meta rat karozza qed tigi attakkata u intervjeniet. PS Polidano ma setghax jghid ir-raguni il-ghaliex bdiet il-glieda u l-attakk fuq il-karozza.

Hadd ma kellem lis-sewwieq tal-karozza jew ha n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura. Mistoqsi jekk jafx min fejn kien gabar il-bott *flairs* Barbara, PS Polidano jwiegeb fin-negattiv. Lanqas ma kien jaf illi z-zewg imputati kienu *stewards*. PS Polidano gharaf liz-zewg imputati.

**PC 488 Emanuel Cilia kkonferma x-xhieda ta' Polidano, ikkonferma li l-imputat Sammut beda jghidlu li ddispjacih hafna li laqghat lis-Superintendent Bonello ghax hu mhux lilu ried jolqot. Cilia xehed illi l-imputat Sammut qallu dawn il-kliem xi sitt (6) darbiet.** PC Cilia xehed li Sammut qallu li kienet dahlet karozza iddoq xi innijiet tal-Belt, cioe innijiet kontra l-partitarji ta' Birkirkara. Ikkonferma li l-imputat Barbara kellu bott *flairs* f'idejh izda ma jafx minn fejn kien gabu.

PC 934 Owen Bilocca (fol.45 et seq.) ikkonferma x-xhieda tal-Pulizija u kif Sammut "**laqghat**" lis-Superintendent Bonello. Ikkonferma wkoll li l-imputat Barbara kien ndahal fix-xoghol tal-Pulizija meta dawn kienu qed jarrestaw lil George Sammut u li kellu bott abjad f'idejh u beda jxejjru. **Ikkonferma li Sammut kien ddispjacih hafna li laqat lis-Superintendent Bonello.** Ikkonferma li resqu lejhom il-Kavallerija tal-Pulizija.

PC 934 jiftakar illi f'dan l-incident kienet involuta karozza tal-kulur *blue* izda ma kienx jaf in-nies li kienu hemm go fiha u ma hax numri tal-vettura. PC 934 ikkonferma li bottijiet tal-*flairs* huma projbiti fil-*ground* tal-*football.* PC 934 xehed (a fol.49):

Xhud: *“Laqtu (lis-Superintendent Bonello) waqt l-argument.”*

Qorti: *“Laqtu waqt li kien qed jissara jew dar fuqu u capcaplu daqqa ta’ ponn?”*

Xhud: *“Le waqt li qed jissara.”*

PC 934 xehed li ma semax lil Sammut jargumenta mal-Pulizija illi kellhom jarrestaw lis-sewwieq tal-karozza ta’ kulur *blue* jew almenu johdulu n-numru tar-registrazzjoni tal-karozza.

PC 934 xehed illi tal-Kavallerija ma saqux ghal fuq in-nies izda *“iz-zwiemel imxew bejnietna.”*

Dr. Patrick Farrugia (fol.53) kkonferma certifikati medici u cioe Dok.CE1 (a fol.24) li jirrigwarda grif superficjali fuq idejn George Polidano waqt li Dok.CE2 kien jirrigwarda dbengila fl-ghajn u fuq ix-xoffa. Ikklassifika dawn il-griehi bhala ta’ natura hafifa.

Spettur Victor Aquilina (a fol.56) xehed illi in segwitu tal-partita football fuq indikata ra kommuzzjoni u meta resaq vicin ra lill-imputat Sammut jargumenta mas-Superintendent Bonello “jgholli jdejh, mhux ixejjer, jgholli jdejh u jolqot lis-Sur Mario Bonello f’wiccu.” (ara fol.56) Gie arrestat l-imputat Sammut.

Spettur Victor Aquilina kkonferma li meta Sammut laqghat lis-Superintendent Bonello, kellu jdejh catti mhux maghqudin f’ponn. **Spettur Aquilina xehed illi Sammut iddispjacih talli laqghat lis-Superintendent Bonello.**

In kontro ezami, Superintendent Bonello xehed illi fil-karozza kien hemm partitarji ta’ Tas-Sliema. Qal ukoll illi ma jafx minn fejn Barbara kien gabar il-bott tal-*flairs*. Xehed ukoll li ma kien hemm ebda incidenti ohra li fihom kienu involuti l-imputati mid-data indikata sal-lum.

L-imputat Mark Barbara xehed illi huwa *steward* ta' l-MFA u li kien qieghed hiereg mill-*ground* wara l-partita. Xehed illi kif hareg innota glieda fuq karozza bajda b'partitarji Beltin li kienu jdoqqu innijiet kontra Birkirkara. Barbara xehed illi hu u Sammut, bhala *stewards,* bdew jwaqqfu lin-nies. Fil-fatt irnexxielhom jwaqqfu l-glieda u mexxew il-karozza 'l hemm. Barbara xehed li vicin fejn kien hemm il-glieda, sab bott *"tad-duhhan"* ma' l-art u cioe dawk illi s-soltu jgorru fid-dghajjes tar-*rescue* u gabru sabiex ma jintuzax fil-glieda. Barbara rega kkonferma li huma ma kienux involuti fil-glieda, f'ebda mod, ghaliex kienet gia bdiet meta huma kienu hargu 'il barra mill-*ground*. Barbara xehed li f'daqqa wahda gie ziemel tal-Kavallerija u laqtu il-ghaliex dan iz-ziemel thawwad u qam *panic* shih mall-pubbliku. Barbara xehed illi huwa, bhala *steward,* jidhol minn fejn jidhlu l-membri tal-pubbliku u li kien soggett ghal *searches* tal-Pulizija bhal kull membru tal-pubbliku iehor. Ikkonferma illi bhala *stewards,* dmirhom hu li jzommu l-partitarji taht kontroll u li jahdmu id f'id mal-Pulizija.

Mark Barbara xehed illi hu xtaq jkun jaf ir-raguni ghaliex Sammut gie arrestat u fil-fatt mar minn rajh l-Ghassa tal-Pulizija biex jistaqsi u hemmhekk sab ruhu arrestat. Xehed illi ma offra ebda resistenza ghall-arrest u li fl-incident kien hemm madwaru, xi mitejn (200) ruh.

Barbara xehed illi l-*istewards* jilbsu *T-Shirts* bil-kliem *"Steward"* miktub fuqhom u gakketta specjali li johorgulhom il-Kumitat, apparti t-*tag* li jzommuha fuq il-persuna taghhom izda t-*tag* mhux necessarjament tkun vizibbli ghall-pubbliku. L-*istewards* jintgharfu mill-ilbies taghhom.

Mario Axiaq ikkonferma li Barbara kien *steward* (Dok.MB) u ezebixxa ukoll Dok.MA u Dok.MA1 – lista ta' *stewards*.

Victor Mifsud, *General Manager* tal-*Malta Football Association*, ikkonferma li xoghol l-*istewards* hu li jzommu l-ordni fin-naha tal-partitarji taghhom. Dawn l-*istewards* jigu nominati mill-*Football Clubs* u jigu rikonoxxuti mill-MFA li tohrogilhom *Identity Card*. Mifsud ikkonferma li l-

imputati inghataw il-kariga ta’ stewards mill-*Football Club* ta’ Birkirkara. Victor Mifsud ikkonferma wkoll illi qatt ma kellhom problemi fuq l-imputati.

George Micallef, *Ex General Manager* ta’ l-*Istadium Ta’ Qali,* xehed illi kien jaf liz-zewg imputati bhala *stewards* u xehed li apparti li ghandom id-dmir li jarmaw u jzejnu l-*ground*, l-*istewards* ghandom id-dmir illi jzommu l-ordni qalb il-partitarji taghhom u jaghmlu l-ewwel intervent mas-*supporters* jekk ikun hemm xi kommozzjoni il-ghaliex ikunu maghrufa mal-partitarji taghhom. Jekk ma jirnexxielhomx, imbaghad jintervjenu l-Pulizija. Micallef ikkonferma wkoll li l-*istewards* ma kienux awtorizzati jidhlu fil-*VIP area*.

In kontro ezami, George Micallef ikkonferma illi dak li xehed japplika ghal dak li jigri fil-*ground* ghaliex ‘il barra mill-*ground* jidhlu l-Pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti illi jirrizultaw ipprovati f’din il-kawza certament ma jinkwadrawx fir-reat ta’ attruppament jew tixwix kontemplat fl-Artikolu 68 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dan qieghed jinghad il-ghaliex il-gemgha nies kienu membri tal-pubbliku illi kienu ghadhom kemm segwew loghba *football* pjuttost tahraq. Imkien ma jirrizulta, u dan ghaliex ma hemm ebda xrara ta’ evidenza, illi l-imputati, jew almenu wiehed minnhom, iltaqghu fil-lok citat fl-akkuza sabiex ixewxu lil xi hadd biex jaghmel xi haga kontra l-Ligi.

Il-provi juru ezattament l-oppost. L-imputati li kienu ‘*stewards*’ mal-*Club* tal-*Football* ta’ Birkirkara, kienu hergin mill-*ground* meta raw kommozzjoni u cioe karozza b’partitarji ta’ *club* terz (partitarji Beltin) li bdew jdoqqu innijiet insolenti kontra l-*club* ta’ Birkirkara u hadu azzjoni biex din il-glieda ma teskalax. In fatti, Sammut u Barbara ferqu n-nies u mexxew il-karozza.

Il-Pulizija lemhu biss *the tail-end* ta’ din il-kommozzjoni u raw li Sammut kien ser jaghti bis-sieq fid-direzzjoni tal-karozza offensiva u intervjenew.

Sammut, li hu *engineer* ma’ l-AFM, apparti li kien *steward* u li ghandu fedina penali mpekkabli, hass ruhu aggravat immens li Pulizija kienet ser tarresta lilu meta hu kien il-persuna illi kien qieghed iferraq glieda u mhux il-persuna illi qajmet kjas shih u beda jargumenta mal-Pulizija fuq dan l-istat ta’ fatt. Fil-kors ta’ dan l-argument, u cioe fuq l-ingustizzja ta’ l-arrest imminenti tieghu, Sammut iggestikola b’idejh u laqghat lis-Superintendent Bonello u tajjarlu l-berrita. Il-Pulizija ta’ madwaru hadu azzjoni mmedjata biex jrazznu lil Sammut li fil-fernezija ta daqqa ta’ ras, immirata lejn min beda l-glieda, izda laqghat bi zball lis-Superintendent Bonello. Certament dan mhux xenarju ta’ attruppament jew tixwix. Dan huwa xenarju ta’ arrest ingustifikat u ta’ cittadin illi qieghed jipprotesta l-innocenza tieghu mal-Pulizija.

Irid jinghad ukoll illi Barbara, li kien lahaq gabar bott ta’ *flairs* minn ma’ l-art vicin tal-karozza offensiva, biex ma jintuzawx fil-glied u biex tigi evitata xi tragedja, mar fuq il-Pulizija biex jistaqsi ghar-raguni ta’ l-arrest ta’ Sammut u jipprova jispjega c-cirkostanzi ta’ kif graw l-affarijiet.

Il-Pulizija, qalb dik il-gegwigija, inkluz ziemel tal-Kavallerija li ma setghax jigi kkontrollat, hasbu li Barbara kien qieghed jhedded lil Pulizija permezz tal-bott tal-*flairs*. Ghalhekk meta Barbara mar l-Ghassa minn rajh, biex jistaqsi ghal raguni ta’ l-arrest tal-kollega tieghu, sab ruhu arrestat immedjatament.

Ikkonsidrat:

Illi f’dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti ma ssib ebda eghmil riprensibbli ghas-sehem ta’ l-imputat Mark Barbara f’dan l-incident sfortunat. Irid jinghad, illi ghal kemm din il-Qorti taqbel perfettament, illi x-xoghol ta’ *steward,* jibda u jispicca fil-*ground* tal-*football*, kull persuna li, minn rajha, tipprova taghmel hilita biex tferraq glieda, ma ghandhiex

tigi punita ghall-azzjoni kuraggjuza taghha. Fic-cirkustanzi ta’ dan il-kaz, l-azzjoni taz-zewg *stewards*, biex iferrqu glieda u jahtfu bott *flairs* biex jissalvagwardjaw il-Pubbliku, lanqas ma tista’ tigi konsidrata bhala eghmil delinkwent, aktar u aktar, meta l-istess *stewards* kellhom id-dover izommu l-buon ordni mal-partitarji taghhom fil-*ground*, ftit piedi ‘il boghod minn fejn feccet din il-glieda. L-isfortuna ta’ dan l-incident kien biss illi l-Pulizija raw biss l-ahhar parti ta’ dan l-incident, waqt li l-persuna illi kkagunat dan l-incident zgiccat b’mod furb.

Din il-Qorti hi tal-fehema illi l-arrest ta’ George Sammut kien wiehed mhux gustifikat, ghalkemm din il-Qorti tifhem illi kien sar bi zball genwin f’dik il-konfuzjoni. Illi l-protest genwin ghal arrest illegali minn cittadin ma jista’, bl-ebda mod, isarraf fir-reat ta’ attakk fuq il-Pulizija jew ir-reat ta’ rezistenza ghall-arrest, altrimenti, din il-Qorti tkun qeghedha timmoltiplika l-ingustizzji u mhux taqdi d-doveri taghha b’gustizzja.

Ghal rigward ta’ l-imputat George Sammut u fil-konfront ta’ griehi ta’ natura hafifa fuq is-Superintendent Mario Bonello u PS 1243 Polidano, ssib illi l-Prosekuzzjoni pprovat il-kaz taghhom fis-sens illi Sammut, minkejja li b’ebda mod ma ried li s-Superintendent Bonello jkun il-mira tad-daqqa ta’ ras, xorta wahda kien responsabbli ghal griehi ta’ natura hafifa li kienu intizi ghal terz. Irid jinghad ukoll illi l-griehi fil-konfront tas-Superintendent Bonello kienu ta’ natura hafifa (ara Dok.CE2) waqt li dawk ta’ PS 1243 Polidano kienu hfief u *“of small consequence.”*

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat Mark Barbara mhux hati skond l-akkuza u tilliberah, issib lill-imputat George Sammut mhux hati ta’ l-ewwel seba akkuzi, li minnhom tilliberah, u ssibu hati biss tat-tmien (8) akkuza u wara li rat Artikolu 221 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-imputat Sammut, bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti tirrakomanda illi l-imputat George Sammut ghandu jzomm l-impjieg tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------